# Proġett ta’ BirdLife Malta jitfa’ dawl ġdid fuq għasafar tal-baħar li jbejtu f’Malta

## Filmati esklussivi miġbudin fil-bejtiet tal-Garni mxandra mill-proġett LIFE Arċipelagu Garnija

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta’ BirdLife Malta qed ixandar filmati esklussivi miġbudin fil-bejtiet tal-Garni li juru għall-ewwel darba dak li jkun qed jiġri fil-perjodu tal-bejta ta’ dan l-għasfur tal-baħar. Bis-saħħa ta’ dawn il-filmati direttament mill-bejta tal-Garnija li jinġibdu permezz ta’ kameras apposta magħrufin bħala *trail cameras*, il-pubbliku jista’ jieħu idea tal-mod kif jgħixu dawn l-għasafar li rari narawhom. Fl-istess ħin dawn il-filmati uniċi jitfgħu dawl ġdid fuq xi jkun qed jiġri tul il-perjodu tal-bejta proprju fil-post fejn ibejjet il-Garni fl-irdumijiet mal-kosta.

Il-proġett, li qed jaħdem għall-konservazzjoni ta’ din l-ispeċi vulnerabbli u protetta, qed juża kameras speċjali magħmulin apposta – li jaħdmu mingħajr *white flash* jew ħsejjes biex ifixklu mill-inqas lill-għasafar – biex jirreġistra dak li jkun qed jiġri ta’ kuljum f’żewġ bejtiet partikolari tal-Garnija f’kolonji differenti, waħda fl-Irdum tal-Madonna u l-oħra fil-Park tan-Natura u l-Istorja tal-Majjistral. Fl-Irdum tal-Madonna hemm il-kolonja prinċipali ta’ dan l-għasfur tal-baħar f’Malta b’madwar 500 par Garni li jbejjet f’dawn l-irdumijiet. Min-naħa l-oħra fil-Majjistral insibu madwar 250 par. Minħabba li l-postijiet fejn ibejtu dawn l-għasafar ikunu fi xquq dojoq ħafna f’postijiet inaċċessibbli, it-tim tal-proġett ħafna drabi jkollu jagħmel *abseiling* f’kundizzjonijiet diffiċli biex jinstalla dan l-apparat u jagħmel il-manutenzjoni tiegħu.

Bir-*recordings* li se jkunu ttieħdu din is-sena, se tkun l-ewwel darba li pari ta’ Garni jiġu osservati b’mod regolari tul l-istaġun sħiħ tal-bejta mill-bidu sal-aħħar tal-proċess – jiġifieri minn meta jirritornaw fl-irdumijiet biex jibdew jgħammru, il-perjodu meta jbidu u jfaqqsu l-bajd u dak tat-trobbija tal-frieħ, sal-mument meta l-frieħ jiġu biex iħallu l-bejta u jtiru għall-ewwel darba. Il-filmati se jgħinu wkoll lit-tim tal-proġett biex jifhem aħjar lil dan l-għasfur tal-baħar vulnerabbli – tagħrif li huwa neċessarju biex il-proġett jilħaq il-mira tiegħu li jiżgura sopravivenza fit-tul ta’ din l-ispeċi f’Malta.

Tista’ tara l-aħħar filmati mill-bejta tal-Garnija hawnhekk u ssegwi dak li jkun qed jiġri fl-irdumijiet billi ssegwi #NestWatch fuq il-Facebook, Twitter u s-sit elettroniku tal-proġett.

**TMIEM**

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB

**Nota lill-edituri:**

- **Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta**
  Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija qed jaħdem biex jagħmel mill-Gżejjer Maltin santwarju protett għall-Garnija billi jindirizza l-ħafna perikli li din l-ispeċi qed tiffaċċja f'Malta. Dan jinkludi l-kontroll tal-popolazzjonijiet intensivi ta' firien madwar il-kolonji fejn ibejtu dawn l-għasafar tal-baħar u t-tnaqqis tat-tfixkil minn attivitajiet tal-baħar u tniġġis mid-dawl kif ukoll qed iqajjem kuxjenza dwar il-Garni fost il-pubbliku Malti u t-turisti.
- **Il-Garni**
  Il-Garnija (Yelkouan Shearwater) hija għasfur tal-baħar ta' daqs medju li jittajjar b'qadfiet mgħaġġlin u jħuf baxx mal-mewġ. Tul l-istaġun meta jkun qed ibejjet, bejn Frar u Lulju, dan it-tajr jista' jintlemaħ jistrieħ fuq il-baħar f'waħdiet jew fi qtajja' żgħar. Hu stmat li f'Malta għandna bejn 1,600 u 1,800 par minn dawn l-għasafar li jfisser bejn wieħed u ieħor 10% tal-popolazzjoni dinjij tal-Garnija. In-numru f'Malta naqas fis-snin riċenti, l-aktar minħabba l-problema tal-qtil tal-għasafar mill-firien, it-tnaqqis tal-ħabitat fejn ibejjet dan l-għasfur, il-kaċċa illegali, u t-tfixkil u tniġġis mid-dawl u l-ħsejjes. L-IUCN tikklassifika lill-Garnija bħala 'vulnerabbli'.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta:
http://birdlifemalta.org/arcipelagugarnija
https://www.facebook.com/arcipelagugarnija

**Niżżel il-filmat minn hawn:** https://youtu.be/s5Qubp3fk0U

- L-aħħar filmati esklussivi minn żewġ bejtiet tal-Garnija (Filmati ta' BirdLife Malta)

**Niżżel ir-ritratti minn hawn:** https://we.tl/EeWGDa9ZcR

1. Garnija fil-Majjistral (Ritratt ta' Paulo Lago)
2. Garnija qed issaħħan bajda fil-bejta u par Garni ieħor fil-Majjistral (Ritratt meħud mill-filmati miġbudin mit-*trail cameras*)
3. Garnija qed tħalli l-bejta wara li saħħnet il-bajda fl-Irdum tal-Madonna (Ritratt meħud mill-filmati miġbudin mit-*trail cameras*)
4. L-Irdum tal-Madonna (Ritratt ta' Paulo Lago)
5. Il-Majjistral (Ritratt ta' Ben Metzger)

Il-proġett LIFE Arċipelagu Garnija hu inizjattiva ffinanzjata mill-UE bl-imsieħba BLM, TM u RSPB. Il-proġett hu kofinanzjat 60% minn fondi tal-programm LIFE tal-UE, 25% mill-Gvern Malti, 10% minn BLM u 5% mill-RSPB